# IL-BIEDJA F'SETTEMBRU

*(Editur tal-Propaganda)*

## FIL-GĦALQA

**It-Temp**

GĦALKEMM dan ix-xahar hu msemmi għar-riħ isfel u bħala temp ta' dlik u għakar, ix-xahar li għadda, dis-sena, kif jidher, issellef mix-xahar ta' warajh, mhux biss xi ġurnata jew tnejn, imma xi ġimgħat ukoll, għax tista' tgħid, Awissu, barra mis-sħana qawwija, li soltu tagħmel, għamel nofsu xlokk. Nittamaw, għalhekk, li bħala tpattija, Settembru jnaqqas mill-qilla tiegħu, l-iktar f'dak li hu l-ibiċ bil-lupa u iħtriq li jagħmlu ħsara mhux ftit fis-siġar tal-larinġ u lumi u fi prodotti oħra wkoll.

**Xogħol tar-Raba'**

Il-bidwi li jibda jlesti għax-xogħol tal-ħarifa u tax-xitwa dlonk jarfa' rasu malli jilmħ xi sħajba tielgħa mix-xefaq minn fejn jibda jberraq u wara xi ftit tibda tqattar ix-xita. Malli l-art tixxarrab, tarah jinbet xi ħaxix ħażin u l-bidwi, li jaħdem ir-raba' għat-tgħam u għal xi prodotti oħra, tarah jiftaħ l-art bil-moħriet biex jeqred ir-refgħan tal-ħaxix ħażin. Xi ġranet wara l-ewwel xita lill-bidwi ġie li tarah jagħżaq kollu ferħan u jdemmel; inaqqax u jnaddaf mill-ħaxix ħażin madwar il-kaboċċi u l-pastard tal-bagħli biex fl-istess ħin il-ħamrija ta' madwar dawn il-ħxejjex tixrob wisq aħjar l-ilma tax-xita.

**Żrigħ u Taħwil**

Il-bidwi għal din il-ħabta jiżra' l-patata tax-xitwa u jiżra' x-xgħir għall-furrajna tal-bikri.

Jagħmel ħażin min wara jew qabel l-ewwel xita jiżra' l-ful għax jekk tiżra' bikri jkun hemm il-periklu li l-budebbus jeqridlek il-prodott. Għalhekk la tiżrax il-ful qabel l-aħħar tax-xahar tal-Qaddisin Kollha jew il-Kunċizzjoni. Jekk tiżra' l-piżelli mn'issa, din tilħaq tagħmel xi ftit imżiewet għal bikri, u għalkemm il-budebbus jagħmel għaliha, ma jilħaqx jeqridha.

## FIL-ĠNIEN TAL-ĦAXIX

**Żrigħ u Taħwil**

Bħalissa jistgħu jinżergħu l-ħmiemel ta' dawk il-ħxejjex li soltu jinżergħu għax-xitwa. Għalhekk tista' tiżra' r-ravanell, il-pitravi, il-krafes tal-ġidra, il-basal, krafes, tursin, spinaċi, indivja, kurrat, ħass twil jew ikkapuċċat, eruka, ħabirxa jew insalata tal-kabuċċini, nevew u dawk l-istess ħxejjex li semmejna għal Awissu.

Żrieragħ tajbin tista' tixtri mill-Uffiċċju tal-Biedja.

Ħawwel fil-post ix-xitel tal-kaboċċi, pastard, brokkli, kaboċċi taz-zokk, ġdur u krombijiet oħra għall-prodott imwaħħar. Iżra' wkoll il-ħmiemel bil-fażola għall-aħdar biex ikollok prodott ta' mżiewet torja għall-ħarifa. Ħawwel it-tuffieħ tadam f'post kenni, u għall-bidu ta' dan ix-xahar, tista' wkoll tiżra' xi ftit qara' bagħli li jissaqqa għall-prodott tal-ħarifa. Il-bittiħ "xammiem" huwa aktarx kollu misjur u l-bittiħ xitwi (li jżomm għal żmien twil) għadu qed isir. Il-qaqoċċ għandek iddemmlu u ssaqqih biex jagħmel prodott bikri, u, jekk għandu bosta rimjiet, għandek tħallilu tnejn jew tlieta biss; dawk ir-rimjiet li taqtagħlu tista' tnissel minnhom, jekk ikollok bżonn. Wara l-ewwel xita għin bid-demel artifiċjali.

*"Għal San Mikiel* (ġiġifieri għall-aħħar ta' dan ix-xahar) *tista' tixgħel il-kandlier"* (jew il-musbieħ) jgħid il-Malti, għaliex għal dik il-ħabta l-ġurnata tibda tiqsar sewwa u tibda s-sahra.

## FIL-ĠNIEN TAS-SIĠAR U TAL-FROTT

**Kura tas-Siġar**

Fil-bidu ta' dan ix-xahar il-biċċa l-kbira tad-dwieli jkollhom il-għeneb misjur sewwa u jkun tajjeb għall-ikel. Dak ix-xorta ta' għeneb li jkun għadu ma sajjarx wieħed jista' jilqgħu b'lenbut tal-karti oljati biex ma jixxarrabx b'xi raxxa xita, jew ma jitnaqqarx mill-għasafar tal-bejt jew ma jimtessx miż-żunżan jew minn xi insetti oħra.

Ir-rummien beda jsir ukoll.

L-art hija nieqsa mill-indewwa u tinħtieġ tis-qija iżjed mis-soltu għas-siġar kollha.

**Taħwil**

Jekk trid tħawwel siġar tal-frott għax-xitwa li ġejja, lesti l-ħofor minn issa u ħallihom miftuħin biex jitrewħu. Is-siġar li jinqalgħu mit-tuba għandek taqlagħhom qabel ma tagħmel xi ħalba xita, għax wara ssir il-ħsara; dawk li jinqalgħu bla tuba mhux ta' min iċaqlaqhom qabel ma jinżgħu mill-weraq.

**Tisqija**

La tinsiex targa' tagħti xi tisqija sewwa lis-siġar tal-larinġ dan ix-xahar u d-dieħel għaliex issa l-agħar ġranet tal-lupa. It-tisqija tgħin ħafna biex il-frott jikber sewwa. In-nespli tibda tiżhar u kollha bżonn ta' xi tisqija wkoll.

---

## L-INDUSTRJA TAŻ-ŻERRIEGĦA

*(Jissokta mill-faċċata 2)*

għa? Intom tridu tkunu l-bidu u l-inkuraġġiment ta' bdiewa oħra żgħar biex f'dawn il-Gżejjer titwaqqaf din l-industrja ġdida. Għaliex tibqgħu lura f'xogħol li sejjer iħallilkom qligħ? Kullma qiegħed jagħmel id-Dipartiment hu kollu għalikom u hu diġà sabilkom suq sod u qawwi fejn tistgħu tisportaw kwalunkwe pis ta' ċerta żerriegħa sew dik tal-ħxejjex u, b'mod partikulari, dik tal-fjuri."

Iż-żerriegħa li ġbarna aħna sew tal-ħxejj x kemm tal-fjuri rnexxiet ferm, għaliex il-klima ta' Malta hi mill-aħjar u taqbel ferm ma' dik ta' pajjiżi oħra, bħal fil-kas ta' l-Italja fejn l-esportazzjoni ta' din iż-żerriegħa hi kbira ferm.

### Konkorrenza

Il-pajjiżi fejn aħna diġà qegħdin nisportaw din iż-żerriegħa, jippreferixxu jixtru minn Malta milli minn pajjiż barrani. Għaliex mela nitilfu dan iċ-ċans hekk sabiħ u ma naħtfux din l-okkażjoni ħalli nwaqqfu din l-industrja li sejra tkun ta' ġid kbir għal kulħadd?! Hekk inkunu qegħdin nikkonkorru ma' pajjiżi oħra u nagħmlu fama lill-Gżira tagħna.

Għall-ewwel dejjem jinqala' xi sfrattu u xi xkiel, iżda b'daqshekk ma għandniex naqtgħu qalbna, anzi nħabirku u nagħmlu ħiltna kollha sabiex l-affari tirnexxi. Kull bidu fih l-imrar tiegħu. Il-bdiewa kbar iridu jkunu l-eżempju ta' bdiewa oħra żgħar, għaliex kif kulħadd jaf, iż-żgħir dejjem jikkopja lill-kbir.

